**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Pubblika**
**10 ta' Diċembru 2024**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fit-Tea Room, Ġnien is-Serenita, Santa Luċija fil-5:33 p.m.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku (Attenda 5.40pm)
Liam Sciberras – Kunsillier (Skuża ruħu mill-laqgħha 6.50pm)
Connie Debattista - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Kylie D'Amato – Kunsillier

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija
Il-Kunsilliera D'Amato ma setgħatx tattendi minħabba impenji ta' xogħol

1.2 Diskors mis-Sindku

1.3 Il-Qari tal-Estimi Finanzjarji (Annex 1)

1.4 Ilmenti u Suġġerimenti tar-residenti

**1.4.1** Residenta ssuġeriet li l-font tan-Notices li jitwaħħlu man-Notice Boards ikunu ikbar

**1.4.2** Resident staqsa meta ser tiġi mibgħuta l-applikazzjoni lill-TM għal One Way System (il-parti ta' Triq il-Ġibjun) u rigward il-bdil tat-Traffic Management f'Santa Luċija ħabba d-dħul u l-ħruġ. Is-Sindku infurmat l-Public Transport jridu jagħmlu t-trial bil-buses sabiex jaraw li l-vetturi jagħdu sew. Il-Viċi Sindku rrimarka li l-karozzi żdiedu u talab li jerġa jsir t-traffic count.

**1.4.3** Residenta staqsiet jekk il-proċedura tat-tiġdid tal-ID cards hux ser issir bħal l-aħħar darba. Is-Sindku infurmat li minn naħa tal-Kunsill ser ngħaddulhom il-lista li qed niġbru, u jagħmlu kuntatt magħhom ta' Identita Malta. Il-Kunsill ser jipprovdi t-trasport għat-tiġdid.

**1.4.4** Resident issuġeriexa li jsiru CCTV cameras fi Triq il-Prinjoli minħabba l-ħmieġ tal-annimali. Il-Viċi Sindku infurma sabiex persuna tiġi mħarka, il-persuna irid ikun fuq il-bankina u jinqabad dak il-ħin.

**1.4.5** Triq Prinjoli wara li tagħmel ħalba xita, tinġemma għadira ilma.

**1.4.6** Zebra Crossing f'kull triq, minħabba li r-residenti qed issibuha diffiċli biex jaqsmu

**1.4.7** Is-Sindku nfurmat li fi Triq Bruka km Triq Maria D.Domenicis ġiet installata CCTV camera, iżda t-tabella għadha ma twaħħlitx. Għalhekk għalissa ma jistgħux jiġu mħarrka persuni li jarmu illegalment.

**1.4.8** Ir-Residenti staqsew għalfejn damu sabiex twaħħlu l-bus shelters. Is-Sindku infurmat li FACES kellha każ il-qorti għalhekk kien hemm dan id-dewmien, u apparti minn hekk Bus Shelter biex isir l-ewwel għandek l-IM li jipreparaw l-bażi, FACES jagħmlu s-shelter u jerġgħu l-IM. Fl-istess waqt ir-residenti semmew jekk ser tiġi mibdula r-rotta, idealment ma jkomplux jsiru l-Bus Shelters. Is-Sindku infurmat li Bus Shelter wieħed ser jiġi affetwat. Għalhekk ir-residenti talbu sabiex issir talba formali sabiex terġa tinbidel t-traffic Management peress li Santa Luċija qedha tintuża bħala bypass.

**1.4.9** Resident ilmenta li nkisret il-liġi għax ma saritx Laqgħa ta' Konsultazzjoni għal Triq Prinjoli meta kien hemm kollox ippjanat u konklużiv.

**1.4.10** Is-Sindku infurmat li l-applikazzjoni mal-PA dwar ic-Civic Centre qedha set for refusal. Il-Viċi Sindku fakkar li l-Kunsill nefaq il-fuq minn €30,000, u s-Sindku infurmat li l-PA jagħtuna refund f'każ li jkun hemm withdrawal

**1.4.11** Residenta ilmentat li tallinja ta' spiss mhix tgħaddi. Is-Sindku infurmat li dan ġie rraportat kemm il-darba lill-Public Transport kif ukoll iltaqat mal-uffiċjali tagħhom. Fl-istess waqt is-Sindku infurmat li bħala kunsill tkellem fuq il-Venda u l-Kunsilliera Debattista fakkret li l-importanti li tintefa il-magna. Is-Sindku issuġeriet li jkun hemm vann li jagħmel vjaġġi kontinwi, mhux fil-ħinijiet tar-rotta.

Il-Kunsillier Sciberras skuża ruħu mill-jkompli l-laqgħa.

**1.4.12** Residenta issuġeriet li Ġnien is-Serenita' jsir simili ta' Villa Rundle għall-Milied. Il-Kunsilliera Debattista infurmat li din is-sena huwa tard, anke ħabba l-fatt li kellna l-Elezzjoni tal-Kunsillli Lokali. Fl-istess waqt ġie issuġeriet li l-bozoz tal-Christmas Lights ikunu LED, peress bozoz antiki jikkunsmaw ħafna dawl.

## 1.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-7.00pm

Konfermati, illum ___________________________________.

_____________________________ _____________________________

Charmaine St John — Sindku

Bernice Darmanin — Segretarju Eżekuttiv